MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 157/2005

Il-Pulizija
(Spt. Joseph Cordina)

Vs
Richard Vella
Philip Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. Fit-tletin ta' April, 2005 u fiz-zminijiet differenti ta' qabel fil-Floriana, fil-kapacita` taghhom ta' ufficjali jew impjegati f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala mpjegati tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellhom, kemm jekk ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa taghhom, esigew dak li

l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` taghhom ta’ ufficjali jew impjegati pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew xi weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor, jew ta’ xi vantagg iehor;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, jew xjentement ghamlu uzu minn wahda minn dawn il-karti;

4. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjoni jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

6. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala ufficjali pubblici illi, minhabba il-karig jew impjieg taghhom kien fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

7. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b’falsifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil f’atti, fi skritturi, jew f’firem, jew billi dahhlu isem ta’ persuna mhux vera, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara li xi persuna jew iggib utili.

8. Jew aktar billi xjentement ghamlu uzu minnha;

9. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

10. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan;

11. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kkommettew serq ta' petrol li jiswa aktar minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropprijaw ruhom, billi dwaru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn kunsinna ta' petrol LRP li jiswa aktar minn elf lira maltin (Lm1000), liema kunsinna giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata minhabba l-kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta;

13. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn elf lira maltin (Lm1000) bi hsara tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta.

14. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bi hsara tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta, ghamlu xi qliegh b'qerq.

**Lil Richard Vella wahdu:**

15. B'hekk, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat jew reati illi huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 21, 17(h), 112, 127, 115, 167, 183, 184, 141, 187, 188, 186, 261(c)(d), 262, 267, 271, 277, 280, 293, 308, 309, 141, 453A u 392A(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess pero' bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) u cioe' l-principju t'assorbiment tar-reati kkundannat lill-imputat Philip Borg ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin filwaqt li kkundannat lill-imputat Richard Vella ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin. Ai termini tal-artikolu 28H, il-Qorti kkundannat lill-imsemmija Richard Vella u Philip Borg sabiex fi zmien sitt xhur ihallsu lura lil Korp tal-Pulizija nofs kull wiehed tas-somma li tigi ndikata lilhom bhala l-valur tas-serq mertu tal-kawza. In oltre, stante li l-imputat Richard Vella agixxa bhala impjegat pubbliku, kif intqal aktar 'l fuq, fit-twettieq ta' dawn ir-reati minnu, il-Qorti ai termini tal-artikolu 119 tal-kodici Kriminali imponiet fuqu interdizzjoni generali perpetwa. Ordnat li ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li s-sentenza tal-kundanna ghal interdizzjoni generali tigi ppubblikata fil-Gazetta tal-Gvern. Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fi zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fl-intier taghha ghal dak li jirrigwarda l-imputat Richard Vella kif ukoll tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Philip Borg hati tal-akkuzi kollha

migjuba kontrih u fejn ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar sospiza ghal tlett snin u l-hlas ta' nofs il-valur tas-serqa tal-kawza w b'zieda ma' dan timponi fuqu l-interdizzjoni generali perpetwa skond l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gew intavolati zewg appelli, wiehed mill-appellant Richard Vella (Appell Nru. 153/05) u l-iehor mill-Avukat Generali (Appell Nru. 157/05). L-appell ta' Richard Vella pero' kien gie dikjarat dezert fis-26 ta' Mejju, 2005, peress li l-appellant, debitament notifikat, u msejjah ripetutament naqas li jidher ghas-smiegh tal-appell tieghu.

Rat il-fedina penali ta' l-appellat Philip Borg esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma mponietx l-interdizzjoni fuq l-appellat Philip Borg.  Di fatti l-Avukat Generali jghid li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tonqos milli taghti l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa lil Philip Botg flimkien mall-piena stabilita ghad-delitti minnu ammessi ghax l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk :-

*"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa* <u>*ghandha dejjem tizdied*</u> *mall-piena stabilita ghad-delitt ."*

Din id-dispozizzjoni jkompli jghid l-Avukat Generali tinsab taht id-dispozizzjonijiet generali li jghoddu ghat-Titolu V tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali [ cioe' l-artikolu 166 sa 190] . Issa l-appellat Philip Borg ammetta ghar-reati kontemplati fl-artikolu 167, 183 u 187 tal-Kodici Kriminali, liema reati jikkonsistu f' diversi forom ta' falsifikazzjoni. Skond l-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar l-Enemalta [Kap.272] il-membri tal-Bord u l-ufficjali w l-impjegati kollha ta' Enemalta ghandhom jitqiesu li huma

ufficjali w impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali . Ghalhekk apparti mill-piena nflitta, l-Ewwel Qorti kellha tapplika d-dispost ta' l-artikolu 190 imsemmi peress li tali zieda fil-piena ma hijiex fakultattiva.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat;

Illi l-appellat Philip Borg kien tressaq akkuzat fil-vesti tieghu ta' ufficjal jew impjegat f' amministrazzjoni pubblika jew bhala mpjegat tal-Gvern jew mall-Gvern u akkuzat b' diversi reati, fosthom dawk li jaqghu taht l-artikoli 167, (t-tielet imputazzjoni) 183 (r-raba imputazzjoni) u 187 (s-seba' w tmin imputazzjoni). Hu kien irregistra ammissjoni inkondizzjonata w bla rizervi ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, izda l-Ewwel Qorti, fil-kaz tieghu ma ghaddietx biex imponiet l-interdizzjoni generali perpetwa preskritta bl-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali.

Illi apparti l-ammissjoni tieghu anki ghall-kwalifika ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, kif tajjeb jissottometti l-Avukat Generali l-impjegati w ufficjali tal-Enemalta, bhall-appellat Borg, skond l-artikolu 28 (5) tal-Kap.272, l-Att dwar l-Enemalta, ***"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali"*** .

L-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa **ghandha dejjem tizdied** mall-piena stabilita ghad-delitt.

Dan l-artikolu li jinsab taht l-intestatura "Dispozizzjonijiet Generali li Jghoddu ghal dan it-Titolu" u cioe t-Titolu V li jipprovdi dwar delitti kontra l-fiducja pubblika w li jinkludi tahtu d-dispozizzjonijiet fuq imsemmija li l-appellat ammetta r-rejita' taghhom. Ghalhekk hu car u manifest li l-Ewwel Qorti, ladarba rriskontrat htija taht dawn id-dispozizzjonijiet, kienet marbuta bil-ligi li timponi fuq l-appellat Borg ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa a

tenur tal-artikolu 190. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat u qed jigi milqugh.

Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fil-konfront tal-appellat Philip Borg, billi tirriforma s-sentenza appellata, billi, fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, zzid u tordna li ukoll fil-konfront tal-appellat Philip Borg qed tigi mposta l-interdizzjoni generali perpetwa w konsegwentement tordna li, ai termini tal-artikolu 10 (7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, s-sentenza tal-kundanna ghall-interdizzjoni generali perpetwa tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern mhux biss ghall-Richard Vella izda ukoll ghall-Philip Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------